



2023/2795

14.12.2023

## DEĊIJONI (UE) 2023/2795 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' Diċembru 2023

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 dwar l-użu tas-servizzi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet li jikkooperaw (BĊE/2022/34) (BĊE/2023/29)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127 u l-Artikolu 132(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b' mod partikolari l-Artikolu 12.1 flimkien mal-Artikoli 3.1 u 12.3, u l-Artikolu 34 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/34) (¹), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw is-servizzi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għall-fini ta' kooperazzjoni mas-SEBĊ u ma' xulxin sabiex iwettqu l-kompli tagħhom fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (²).
- (2) Is-servizzi tas-SEBĊ huma pprovduti lill-banek ċentrali tas-SEBĊ biex jappoġġaw it-twettiq tal-kompli tagħhom. Is-servizzi tal-istatistika tas-SEBĊ huma żviluppati, immexxja u miżmuma minn bank ċentrali wieħed jew aktar tas-SEBĊ u mmexxija mill-Kumitat tal-İstatiestri tas-SEBĊ. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel, effettiv u konsistenti tal-MSU, l-arranġamenti praktici għall-kooperazzjoni bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) fi ħdan l-MSU jenħtieġ li jinkludu arranġamenti għall-użu minn dawk l-ANK ta' ċerti servizzi statistiċi tas-SEBĊ sabiex iwettqu l-kompli tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Għalhekk, il-lista tas-servizzi tas-SEBĊ li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet li jikkooperaw għandha tiġi estiża biex tħincludi l-AnaCredit, il-Bażi tad-Data Ċentralizzata tat-Titoli (CSDB), il-Bażi tad-Data tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD), u l-Bażi tad-Data tal-İstatiestri dwar il-Parteċipazzjoni tat-Titoli (SHSDB).
- (3) L-awtoritajiet kompetenti li jużaw is-servizzi tas-SEBĊ għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-iż-żvilupp u t-tħaddim tas-servizzi tas-SEBĊ skont qafas ta' rimborż definit ibbażat fuq skema ta' allokkazzjoni tal-ispejjeż. Fid-dawl tal-piż amministrattiv sinifikanti tal-kalkolu tar-rimborż mill-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari għall-ispejjeż tal-passat, l-awtoritajiet kompetenti li jużaw l-SHSDB jew is-CSDB għandhom ikunu meħtieġa biss li jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-iż-żvilupp u t-tħaddim tas-servizz rispettiv tas-SEBĊ li nħolqu fl-1 ta' Lulju 2023 jew wara għall-SHSDB u fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara għas-CSDB. L-arranġamenti finanzjarji eżistenti għandhom għalhekk jiġi spċificati aktar.
- (4) L-użu tas-servizzi tas-SEBĊ jista' jinvölli l-ipproċessar ta' data personali. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data relatati mas-servizzi differenti tas-SEBĊ jistgħu jvarjaw u għalhekk jistgħu jeħtieġ kwalifikasi differenti tal-entitajiet involuti ftali pproċessar. Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 (BĊE/2022/34) għandha tiġi emendata biex tippermetti l-kwalifikasi differenti possibbli ta' kontroll minn perspettiva tal-protezzjoni tad-data.
- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 (BĊE/2022/34) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

(¹) Deċiżjoni (UE) 2022/1982 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2022 dwar l-użu tas-servizzi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet li jikkooperaw, u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/1 (BĊE/2022/34) (ĠU L 272, 20.10.2022, p. 29).

(²) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompli spċifici lill-Bank Ċentrali Ewropew firrigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenziali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 (BĊE/2022/34) hija emendata kif ġej:

- 1) L-Artikolu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 4

**Arranġamenti finanzjarji**

1. Banek ċentrali li jipparteċipaw u awtoritajiet kompetenti li jipparteċipaw għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-iżvilupp u l-operat tas-servizz rispettiv tas-SEBĊ skont qafas ta' rimborż definit, li huwa bbażat fuq skema tal-allokazzjoni tal-kost, kif speċifikat aktar fil-pakketti finanzjarji rispettivi skont ir-regoli applikabbli għar-rimborż. Fejn rilevant, l-awtoritajiet li jikkoperaw għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż tas-servizz rispettiv tas-SEBĊ skont qafas speċifiku ta' rimborż.
  2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti li jużaw il-Bażi tad-Data Ċentralizzata tat-Titoli (CSDB) u/jew il-Bażi tad-Data tal-Istatistika dwar il-Parteċipazzjonijiet tat-Titoli (SHSDB) ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-CSDB u/jew tal-SHSDB, kif applikabbli, meta dawk l-ispejjeż jiġġarrbu qabel l-1 ta' Lulju 2023 għall-SHSDB u qabel l-1 ta' Jannar 2024 għas-CSDB, rispettivament.”;
- 2) L-Anness I huwa ssostitwit bl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
  - 3) L-Anness II huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Diċembru 2023.

*Il-President tal-BĊE  
Christine LAGARDE*

## ANNESS I

L-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 (BĊE/2022/34) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS I

**Servizzi tas-SEBĊ li għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet competenti u l-awtoritajiet li jikkooperaw**

- AnaCredit (AnaCredit)
  - Centralised Securities Database (CSDB)
  - CoreNet
  - Enterprise Service Bus (ESB)
  - ESCB Public Key Infrastructure (ESCB PKI)
  - ESCB Teleconference System
  - ESCB Performing Survey Initiative LimeSurvey-based Solution (EPSILON)
  - ENTM modelling tool and repository (ENTM)
  - Identity and Access Management Service (IAM)
  - Register of Institutions and Affiliates Database (RIAD)
  - Secure ESCB Email (SEE)
  - Bażi tad-Data tal-Istatistika dwar il-Parteċipazzjonijiet tat-Titoli (SHSDB)”.
-

## ANNESS II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 (BĊE/2022/34), il-punt (10) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

- “(10) Fil-każ li l-użu tas-servizz tas-SEBĊ jinvolvi l-iproċessar ta’ *data* personali mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tikkonforma mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.”.
-